MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2011

Numru 401/2001

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)

vs

Joseph Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 797657m, akkuzat talli matul dawn l-ahhar xhur u fil-jiem ta' qabel il-5 ta' Gunju 2001, matul il-gurnata fil-Gzira jew f'bnadi ohra:

Xjentement laqa' ghandu jew xtata hwejjeg misruqa u cjoe' diversi apparat eletroniku ('laptop computer' u accessorji ohra) liema oggetti jiswew aktar minn Lm1000 u li gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sarx Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom u dan ghad-dannu tas-

sidien Patrick Vella u Jason Cordina in rappresentanza tad-ditta HLS Enterprises jew ta' terzi persuni.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom baghat lill-imputat quddiem din il-Qorti biex tiddecidi dwar ir-reita' jew nuqqas taghha tal-imputat;

Semghet lill-imputat li ma kellux oggezzjoni sabiex il-kawza tinstema' sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

Il-punt fil-kawza dwar jekk treggix r-rejita' tal-imputat hu cirkoskritt fuq meta ghandha tivverifika u timmanifesta l-konoxxjenza tal-illegittimita' tal-oggett. Fid-dawl tal-artikolu in disamina, igifieri l-Artikolu 334 tal-Kap 9, ir-reat ta' ricettazzjoni jissusisti, fl-ewwel lok, f'kull min xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat. Hawnhekk mhux kontestat li l-oggetti meritu r-ricettazzjoni kienu misruqa u l-imputat kien fil-pussess taghhom. Dan il-pussess sabiex ikun klassifikat bhala ricettazzjoni irid ikun sar xjentement, igifieri, li l'hekk imsejjah ricettatur ikun laqa' l-oggett fil-waqt li jkun jaf jew b'diligenza setgha kien jaf li l-oggett kien jew misruq jew kellu provenjenza illegittima ohra. Fil-kaz in disamina l-fatt risultanti mill-provi, u hawnhekk il-Qorti qeghdha wkoll tirreferi ghax-xhieda tal-persuna li kienet wettqet is-serqa izda mhux wkoll ghall-istqarrija rilaxxjata minnha li m'ghandha ebda valur probatizju fil-konfront tal-imputat odjern, huma li l-imputat ha b'rahan l-oggetti meritu l-kawza fuq self li kien ghamel lill-persuna responsabbli tas-serq, ghal kollox eskluz li kien b'xi mod involut jew konsapevoli tas-serqa u eskluz li dan ghamlu xjentement. Fuq kollox is-somma li kien issoministra b'self ma kinitx sostanzjali, xi Lm450, u kienet sostanzjalment

tikkorrispondi mal-valur tal-oggetti mehuda b’rahan. Igifieri, il-provi ma jghatu ebda indikazzjoni li l-imputat kien konsapevoli jew setgha kien jaf li l-oggetti kellhom provenjenza delittwusa u kif avveraw l-affarjiet l-element tax-scienter kien mankanti meta laqa’ l-oggetti ghandu in garanzija li jithallas lura l-ammont li kien sejjer jislef u li kien fil-fatt silef.

Fid-dawl ta’ dan il-Qorti mhux qed tara kif tista treggi l-akkuza kontra l-imputat u kwindi qeghdha tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------